MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru 33/2010

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 33/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Ġunju 2010 kontra Mario Azzopardi li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Mario Azzopardi talli (1) b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar minn persuna li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna oħra, fil-preżenza ta' minuri oħra li setgħet tara u tisma' dak li kien qiegħed jiġri, u l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' tnax-il (12) sena; (2) b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u minn persuna li mqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom; (3) f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil minuri kontra l-volonta` tagħhom, jew ta l-post biex fiħ il-minuri jigu arrestati, miżmuma jew issekwestrati b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, il-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata tkun ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, u d-delitt ikun sar fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-14 ta' Jannar 2013 fejn dik il-Qorti wara li osservat illi waqt is-smiegħ tal-ġuri l-prosekuzzjoni rtirat kull referenza għall-artikolu 202(h), u wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wieħed (1) kontra sabu lill-imsemmi Mario Azzopardi mhux ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, b'seba` (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-istess Mario Azzopardi ħati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-eta` u cioe` talli

b'diversi atti fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq jew bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u minn persuna li mqar jekk għal xi żmien tkun ġiet fdata il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom, u b'seba` (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-istess Mario Azzopardi mhux ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża:

1. iddikjarat lill-istess Mario Azzopardi ħati talli f'Awissu tas-sena 2005 u fix-xhur u ż-żmien ta' qabel, ikkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess l-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena u minn persuna li imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. illiberatu mill-Ewwel Kap u mit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 86, 87(1)(c)(g)(h), 88, 198, 201(a)(b), 202(d), 203(1)(a)(b)(c), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Mario Azzopardi għall-piena ta' 6 snin priġunerija, kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta' tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€881.17) rappreżentanti l-ispejjeż totali tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi. L-Ewwel Qorti ordnat li l-isem tal-ħati jkun inkluż fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**“Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.**

**“Illi semgħet lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin jixhed li l-ħati huwa persuna li tieħu sehem attiv fi kwalunkwe sports li jkun hemm fil-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin. Huwa jipparteċipa wkoll fl-attivitajiet kulturali li jsiru, jieħu ħsieb il-kappella u huwa bniedem eżemplari. Barra dan jgħallem il sħabu jdoqqu l-kitarra.**

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Leslie Cuschieri li kienu dawn li ġejjin:**

**“(1) Li l-artikoli 382A u 412C m’għandhomx japplikaw għall-każ ta’ llum għax issa għadda ħafna żmien minn meta saru l-atti u l-ħati irriforma ruħu mal-ewwel kif wera waqt ix-xhieda tiegħu stess.**

**“(2) Li l-ispejjeż skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 m’għandhomx jitħallsu għax dawn għandhom jitħallsu meta l-proceduri jsiru *ex officio*.**

**“(3) Li Omissis 2 qalet illi, li kien għaliha, il-proċeduri waqfu. Għalhekk il-kwerela kienet qed tiġi taċitament imneħħija.**

**“(4) Li kien impossibbli għall-ħati li jagħmel ammissjoni bikrija minħabba r-reat ta’ stupru li kien addebitat lilu u li l-ġurija ma sabitux ħati tiegħu.**

**“(5) Illi l-ġurati ma kellhomx f’moħħhom lil *Omissis 1* huma u jsibu ħtija dwar it-tieni kap.**

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja li kienu senjatament dan li ġej:**

**“(1) Illi l-vot tal-verdett huwa ta’ 7 kontra 2.**

**“(2) Illi hemm pluralita` ta’ vittmi.**

**“(3) Illi dwar ir-reat kontinwat huwa rrefera għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta’ Novembru 2012, b’mod partikolari dwar it-trapass ta’ żmien bejn l-atti fuq *Omissis 2* u *Omissis 3* u *Omissis 1*. Dan kien hemm episodji differenti u żminijiet differenti u suġġetti passivi differenti. Għalhekk jista’ ma jkunx hemm l-istess intenzjoni minħabba li għadda ċerta żmien bejn l-atti differenti.**

**“(4) Illi l-proċeduri saru *ex officio* u wieħed mill-kapijiet kien dwar l-arrest illegali li ma għandux bżonn xi kwerela ta’ xi parti.**

**“(5) Illi minħabba s-sensitivita` ta’ l-atti l-artikoli 382A u 412C għandhom japplikaw għal dawn il-proċeduri u mhux jitħallew barra.**

**“Ikkonsidrat:**

**“Hija u tikkonsidra l-piena l-Qorti ser tikkonsidra dan li ġej:**

**“<u>Dwar is-sottomissjonijiet tad-Difiża:</u>**

**“1. Illi dwar l-inklużjoni tal-artikoli 382A u 412C il-Qorti tinnota li fil-Kodiċi Kriminali dawn jidhru bħala atti li ghandha tagħmilhom il-Qorti tal-Maġistrati għaliex iż-żewg artikoli jaqgħu taħt it-titolu li għandu x’jaqsam mal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk qed tagħti raġun lid-Difiża iżda ma jfissirx li l-Qorti mhux ser tieħu miżura oħra.**

**“2. Illi dwar l-ispejjeż ġaladarba l-pulizija għamlu l-proċeduri *ex officio*, dan ifisser illi l-ispejjez iridu jitħallsu skont l-artikolu 533.**

**“3. Dwar il-kwerela, skont l-artikolu 542 tal-Kap 9 l-axxendent seta’ jagħmel din il-kwerela għal *Omissis 2*. L-axxendent qatt ma esprimiet xi xewqa li tneħħi l-kwerela. Huwa min jagħmel il-kwerela li jrid ineħħiha. L-axxendent xehdet u ma għamlet ebda aċċenn quddiem din il-Qorti li riedet tneħħi l-kwerela. Pjuttost**

**xehdet b'certa rabja. Għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tad-Difiża.**

**"4. Il-Qorti tifhem din is-sitwazzjoni u ser iżżommha f'moħħha hija u timponi l-piena.**

**"5. Il-Qorti tinnota li l-ġurati ħallew *option* dwar l-ewwel u t-tieni gravanti iżda mponew l-aħħar gravanti fuq kulħadd.**

**"<u>Dwar is-Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u Konsiderazzjonijiet Oħra tal-Qorti</u>**

**"1. Li meta l-vot mhux unanimu l-Qorti tista' ma tagħtix il-massimu iżda l-vot mhux il-minimu li jista' jiġi reġistrat.**

**"2. Dan huwa veru għax hemm aktar minn vittma waħda nvoluta.**

**"3. Is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 18 bit-trapass ta' żmien qed tkun ikkunsidrata a favur tal-akkużat. Wara kollox dan l-artikolu huwa fakoltattiv.**

**"4. Dwar dan il-Qorti diġa` provdiet aktar 'il fuq.**

**"5. Dwar dan il-Qorti diġa` pronunzjat ruħha aktar 'il fuq u minflok ser tordna li isem il-ħati jitniżżel fil-ktieb li hemm provdut għalih fil-kap li għandu x' jaqsam mal-protezzjoni tal-minorenni.**

**"<u>Konsiderazzjonijiet oħra</u>.**

**"Min-naħa l-waħda l-Qorti qed tara bniedem li sar konxju tal-iżball tiegħu u li llum m'hu qed ikun ta' ebda problema fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin anzi huwa bniedem eżemplari. Il-fedina penali tiegħu mhix xi waħda mgħobbija u jirriżulta li ċerta reati jew kontravenzjonijiet saru fil-passat remot.**

**“Min-naħa l-oħra, qed tikkonsidra wkoll li l-atti li saru kienu ħżiena u ta’ detriment għal min għadu żgħir. Jekk titqies l-eta` ta’ 13-il sena ta’ tnejn mit-tfal diġa` hemm fuqhiex wieħed jinkwieta. Ma hemm ebda skuża għal dak li sar. Ukoll jekk jittiehed il-minimu, żgur li fuq tnejn minnhom l-att sar aktar minn darba. Il-ħati sogħbih ta’ dak li kien għamel, għaliex skont dak li qal hu stess, f’daqqa waħda rrealizza li kellu jieqaf. Imma dan ma jneħħi xejn mis-serjeta` ta’ dawn l-atti f’soċjeta` li jrid ikollha moħħha mistrieħ li t-tfal huma protetti ġaladarba jixirfu barra minn darhom. Fuq kollox hemm żewġ gravanti – wieħed huwa għażla bejn (a) u (b) tal-proviso tas-subinċiż (1) tal-artikolu 203 u l-ieħor huwa s-subinċiż (ċ).”**

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mario Azzopardi ppreżentat fl-4 ta’ Frar 2013 fejn talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjaratu mhux ħati tal-Ewwel u t-Tielet Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuża, u tirrevokaha in kwantu sabitu u ddikjaratu ħati tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuża, ikkundannatu sitt snin priġunerija u kkundannatu jħallas is-somma ta’ tmien mija w wieħed u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€881.17), u in kwantu ordnat li ismu jkun inkluż fil-lista ta’ pedofili ai termini tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta’ Malta; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu diversi aggravji li sejrin jiġu kkunsidrati fl-ordni li ġew trattati fir-rikors ta’ appell.

**6.** L-appellant jgħid fl-ewwel aggravju li kien hemm in-nuqqas ta’ kwerela. Huwa jissottometti:

“Illi skond is-subinċiż (3) tal-artikolu 203 li fuqu l-esponent instab ħati, il-każ seta’ jibda u jitkompla kemm-il darba jkun hemm il-kwerela tal-parti offiża, li f’dan il-każ kellhom ikunu l-ġenituri ta’ *Omissis* u ta’ *Omissis*. Ċertament kien hemm irregolarita` mill-bidu nett in kwantu tmexxiet akkuża kontra l-esponent in rigward ta’ *Omissis*: din qatt ma għamlet rapport ma’ ħadd u tkellmet biss għax bagħtet għaliha l-Ispettur Louise Calleja. Imkien ma jissemma li din qatt talbet li jittieħdu passi kontra l-esponent, u la

jissemmew il-ġenituri jew tuturi tagħha u anqas qatt kien hemm xi ħjiel ta' inizjattiva da parti ta' *Omissis* jew xi ħadd imsemmi f'Artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali biex il-każ tagħha jitmexxa. Dan il-punt ġie mqajjem quddiem il-Qorti Kriminali flimkien mas-sitwazzjoni ta' *Omissis* li ser jissemma hawn taħt, imma dik il-Qorti ndirizzat il-parti ta' *Omissis* biss fis-sentenza. F'dan il-każ il-kwerela ma tistax tiġi preżunta għaliex il-kwerela kellha titressaq minn xi ħadd mill-persuni ndikati f'Artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali, li iżda fl-ebda stadju ta' dan il-każ ma jirriżulta li xi ħadd minn dawn kellu kuntatt mal-pulizija jew mal-Qorti. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku xi ġenitur jew tutur imqar xehed dwar l-interess li seta' ħa f'dan il-każ.

"Illi in rigward ta' *Omissis*, huwa evidenti li s-sitwazzjoni kienet differenti għaliex omm *Omissis*, *Omissis*, mhux biss xehdet dwar l-interess tagħha li jittieħdu passi kontra l-esponent iżda saħansitra reġgħet issejħet biex tiġi tikkonferma l-kwerela tagħha. Madankollu din kienet il-pożizzjoni tal-omm, li tul il-ġuri ħareġ li kienet taħt l-impressjoni li l-esponent ġiegħel lil *Omissis* u lil *Omissis* joqogħdu għal xi ħaġa kontra l-volonta` tagħhom, mentri bħala fatt ħareġ li kienu l-istess bintha u *Omissis* li kienu qed ifittxu lill-esponent biex jagħmel magħhom l-atti ta' xejra intima. F'dan il-kuntest wieħed allura jifhem kif għal sena u nofs sħaħ il-każ ta' *Omissis* u *Omissis* baqa' rieqed u nkixef biss waqt l-investigazzjoni ta' l-allegazzjonijiet ta' *Omissis*. U f'dan il-kuntest ukoll, wieħed jifhem għaliex illum il-ġurnata, waqt il-ġuri, *Omissis* (li llum hija maġġorenni) iddikjarat waqt ix-xiehda tagħha li għaliha l-każ tagħha ma kellu qatt jitmexxa. Din id-dikjarazzjoni ta' *Omissis* hija iktar minn tneħħija taċita tal-kwerela (kif l-Ewwel Qorti fehmet lid-difiża skond is-sentenza tagħha), imma hija rinunzja impliċita tal-kwerela. Issa l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet diga` irriteniet li kwerela tista' tiġi rtirata b'mod taċitu [**Pulizija (Spettur Kevin Ellul Bonici) v Alfred Debono tal-25 ta' Ġunju 1993**], u dan meta ma jkun ingħad xejn f'dan is-sens; kemm aktar kwerela tista' tiġi konsidrata rtirata meta b'mod impliċitu l-kwerelanta tiddikjara bil-ġurament li sa fejn kien jiddependi minnha l-każ ma kellux jimxi. Meta *Omissis* għamlet din id-dikjarazzjoni (waqt il-ġuri) hija

kellha l-poter li twaqqaf il-proċeduri, u dan a tenur ta' Artikolu 545 subinċiż (1) tal-Kodiċi Kriminali. Fid-dawl ta' dan kollu, in rigward tat-Tieni Kap ta' akkuża għandu jkun iddikjarat proċediment eżawrit.

"Illi għal kull buon fini, l-esponent irid jesponi li kuntrarju għal dak li ssottometta l-Avukat Ġenerali waqt il-ġuri, mhuwiex il-każ li bil-verdett tagħhom il-ġurati sabu lill-esponent ħati ta' korruzzjoni ta' *Omissis* stante li din kienet l-unika tifla taħt it-12-il sena hekk kif imsemmi fil-verdett. Kif sew innotat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, se mai l-verdett jindika li l-ġurati sabu li r-reat taħt Artikolu 203 subinċiż (1) kien aggravat bl-aggravju taħt paragrafu (a) tal-*proviso* JEW bl-aggravju taħt paragrafu (b) tal-*proviso*. Skond is-sottomissjonijiet tal-Avukat Prosekutur, il-verdett kien qed juri li l-ġurati kkonkludew li l-istorja ta' *Omissis* twemmnet imma mhux sal-punt li ġiet stuprata; dan m'għandux mis-sewwa għaliex f'dak il-każ l-esponent kien jinstab ħati ta' sekwestru ta' persuna taħt it-Tielet Kap tal-Akkuża. Kollox juri biċ-ċar li l-allegat inċident li rrappurtat *Omissis* ma twemmen xejn – mill-bidu sa l-aħħar, u għalhekk il-kwerela tagħha hija rrilevanti."

**7.** Kemm ir-reat ta' stupru kif ukoll dak ta' korruzzjoni ta' minorenni jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża biex jittieħed proċediment dwarhom. Iżda hemm istanzi fejn il-proċediment jista' jitmexxa *ex officio*. Skond il-*proviso* ta' l-artikolu 544 tal-Kodiċi Kriminali meta xi wieħed mid-delitti msemmija f'dak l-artikolu (l-istupru vjolent huwa wieħed mir-reati msemmija) jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata. Dan il-*proviso* hu reż applikabbli għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni permezz tal-paragrafu (a) tat-tieni *proviso* tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

**8.** Minbarra r-reati ta' stupru vjolent u dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, l-appellant ġie akkużat (sew fl-akkuża oriġinali meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mill-Pulizija Eżekuttiva, kif ukoll fl-Att ta' l-Akkuża) bir-reat ta' arrest illegali. Dan ir-

reat huwa manifestament wieħed li jinteressa l-ordni pubbliku. Per konsegwenza l-proċediment seta' jitmexxa mingħajr il-ħtieġa ta' kwerela.

**9.** Bil-verdett tal-ġuri, l-appellant ġie lliberat kemm mill-akkuża ta' stupru vjolent kif ukoll min dik ta' arrest illegali. Skond l-Avukat Ġenerali, ġaladarba l-Pulizija pproċedew *ex officio*, "allura r-reat [ta' korruzzjoni ta' minorenni] ma kien jeħtieġ ebda kwerela sabiex iwassal għall-proċediment d*e quo*; u dan indipendentement mill-fatt jekk eventwalment l-imputat kienx ġie misjub ħati o meno tar-reat ta' arrest illegali."

**10.** Huwa minnu illi l-proċediment seta' jitmexxa *ex officio*, iżda ġaladarba l-appellant ma nstabx ħati tar-reat ta' arrest illegali, l-uniku reat li tiegħu nstab ħati – dak ta' korruzzjoni ta' minorenni – sar persegwibbli bil-kwerela *di parte* u għalhekk l-azzjoni għandha titqies bħala waħda persegwibbli bil-kwerela sa mill-bidu. Altrimenti jkun wisq faċli għall-Avukat Ġenerali li jevadi l-liġi u kull azzjoni kriminali jrendiha persegwibbli *ex officio* sempliċement bl-ispedjent li f'kull azzjoni jżid akkuża għal reat li jolqot l-ordni pubbliku, infondata kemm tkun infondata l-akkuża ta' tali reat.

**11.** Issa skont is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali, jekk matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skont il-liġi. Għalkemm il-proċediment seta' jitmexxa mill-Pulizija *ex officio*, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jitlob jew lill-Qorti Istruttorja milli tordna l-prova tal-kwerela dwar ir-reati ta' stupru u ta' korruzzjoni ta' minorenni fid-dawl tal-kontestazzjoni ta' l-appellant. Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kompilazzjoni u minnhom la jirriżulta li l-appellant (allura imputat) qatt talab u lanqas li l-Qorti Istruttorja qatt ordnat li ssir il-prova tal-kwerela. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara hu jekk kienx hemm xi rinunzja.

**12.** Mill-provi mismugħa waqt il-ġuri ma tirriżulta ebda forma ta' rinunzja da parti ta' *Omissis* u *Omissis*. Kwantu għal *Omissis*, l-appellant isostni illi kien hemm rinunzja

impliċita. Fix-xiehda tagħha waqt il-ġuri *Omissis* tgħid hekk:

"Jiena sallum il-ġurnata ma nafx min fetaħ il-każ jiena xorta ma ridtx li nikxef għax kont imbeżża' ħafna."[1]

"Emminni ma għandix ideja għaliex għamlitli hekk għax jiena kieku ma fetħux il-każ huma xorta ma kontx ser ngħid għax jiena kont imbeżża' ħafna, ma ridtx ngħaddi minn xi."[2]

**13.** Hawn il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Victor Vella** deċiż fil-15 ta' Novembru 1996:

**"Ir-rinunzja għall-azzjoni għandha tkun ċara u inkondizzjonata. Għandha tkun ċara fis-sens li meta l-parti offiża tgħid li qed 'taħfer' irid jirriżulta b'mod ċar li hija qed tirrinunzja għall-kwerela ossia għall-azzjoni u li dik il-maħfra mhux sempliċement professjoni ta' sentiment ta' karita` jew ta' nuqqas ta' interess. Anqas tista' r-rinunzja tkun soġġetta għal xi kondizzjoni, għax altrimenti l-Qorti flok ma tgħaddi minnufih għas-sentenza kif suppost tagħmel ikollha tiddiferixxi biex tara jek tavverax ruħha o meno dik il-kundizzjoni."**

**14.** Fil-każ in eżami, dak li qalet *Omissis* żgur ma jistax jittieħed bħala maħfra, la impliċita u wisq anqas espliċita. Żgur mhux espressjoni ta' nuqqas ta' interess iżda espressjoni ta' stat ta' biża' li minħabba fih ma kinitx tkellmet meta seħħ dak li rrakkontat fil-konfront tagħha. Jiġifieri kieku ma kienx għal dak l-istat ta' biża' hija kienet titkellem. Effettivament una volta li "nkixef il-każ", *Omissis* tat l-informazzjoni relevanti lill-Pulizija u xehdet fl-Istruttorja u waqt il-ġuri. Fl-ebda stadju ma għamlet rinunzja "ċara u inkondizzjonata".

**15.** Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa miċħud.

---

[1] Paġna 147 tax-xiehda traskritta.
[2] Paġna 150 *ibidem*.

**16.** It-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa s-segwenti:

“Illi qabel ma beda jinstema dan il-ġuri, tqajjmu eċċezzjonijiet preliminari li saħansitra marru fl-appell, anke dwar id-differenzxa bejn ‘u’ u ‘jew’. Ġara iżda li minħabba l-mod kif ġie abbozzat it-Tieni Kap ta’ Akkuża, finalment il-ġurati kellhom għażla bejn li jilliberaw kompletament, jew isibu ħtija kompleta skond it-Tieni Kap ta’ Akkuża (u cioe` bi tliet aggravanti taħt paragrafi (a), (b) u (c) tal-*proviso* ta’ subinċiż 203(1), jew isibu ħtija ta’ korruzzjoni aggravata b’żewġ aggravanti biss li kellhom ikunu l-aggravanti taħt paragrafu (c) dejjem, flimkien ma’ aggravanti minn taħt paragrafu (a) jew paragrafu (b). Dan ifisser li l-ġurati ma setgħux isibu ħtija ta’ korruzzjoni ta’ minorenni mhux aggravata, jew ħtija ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravata b’aggravant wieħed biss.

“Illi din is-sitwazzjoni rriflettiet ruħha fl-abbozz tal-verdett kampjun li tqassam lill-ġurati waqt l-indirizz tal-Qorti. Il-Qorti Kriminali spjegat il-liġi u kif huma kellhom jagħżlu waħda minn fost id-diversi varjazzjonijiet tal-verdett li kellhom imniżżla fil-kampjun għal kull Kap ta’ Akkuża, imma din il-problema tal-aggravanti xejn ma ġiet spjegata kif timmerita. Is-sitwazzjoni kienet li jekk ser isibu ħtija taħt it-Tieni Kap tal-Akkuża, il-ġurija neċessarjament riedet issib li l-esponent huwa ‘persuna li imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom’. Is-sitwazzjoni kienet di piu` tali li jekk il-ġurija kienet ser issib xi forma ta’ ħtija taħt dan it-Tieni Kap tal-Akkuża, il-ġurija kellha neċessarjament issib li l-esponent kien ħati ukoll li kkommetta l-korruzzjoni jew (i) bi vjolenza, jew (ii) b’theddid, jew (iii) b’qerq, jew (iv) bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-eta` ta’ tnax-il sena. Din is-sitwazzjoni ta’ ‘korruzzjoni b’żewġ aggravanti’ jew ‘xejn’ kienet timmerita spjega adegwata lill-ġurati. Bħala fatt l-ispjega f’dan ir-rigward kienet estremament brevi lejn l-aħħar tal-indirizz lill-ġurati fil-jum tas-Sibt 12 ta’ Jannar 2013, u l-esponent ma jarax li l-ġurati ġew imfehma li jekk ma jirriżultalhomx l-aggravant taħt paragrafu (c) jew ma jirriżultalhomx l-aggravant taħt paragrafi (a) jew (b), allura l-esponent kellu

jiġi dikjarat mhux ħati taħt dan it-Tieni Kap tal-Akkuża. Dan l-aggravju mis-sentenza huwa marbut ma' aggravju numru erbgħa (4) hawn taħt sollevat fejn qed jingħad li bil-provi miġjuba l-esponent ma seta' qatt jinstab ħati li kien 'persuna li imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu hsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom'. Ġaladarba din l-Onorabbli Qorti ssib li l-esponent ma setax jinstab ħati ta' tali aggravant, allura anqas ma jista' jinstab ħati ta' dan it-Tieni Kap tal-Akkuża."

**17.** Fil-verdett kampjun relattiv għat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża, il-ġurati ngħataw dawn it-tliet alternattivi: (1) mhux ħati skont it-Tieni Kap, jew (2) ħati skont it-Tieni Kap, jew (3) ħati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-eta` u cioe` talli b'diversi atti fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq u/jew bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena U minn persuna li mqar jekk għal xi żmien tkun ġiet fdata il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom.

**18.** Permezz tat-tielet alternattiva, il-ġurati setgħu jsibu ħtija ta' korruzzjoni ta' minorenni b'almenu żewġ aggravanti, li wieħed minnhom kellu jkun dak li l-appellant kien imqar għal xi żmien ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom. Mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jirriżulta li hekk kif qara t-tielet alternattiva lill-ġurati huwa kkummenta: "Din fuq ftehim bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża ddeċidew illi jagħtu din it-tielet alternattiva."

**19.** L-appellant isostni li l-ġurati kellhom jiġu mfehma li jekk ma jirriżultalhomx l-aggravant taħt paragrafu (c) jew ma jirriżultalhomx l-aggravant taħt paragrafi (a) jew (b), allura l-appellant kellu jiġi dikjarat mhux ħati taħt dan it-Tieni Kap tal-Akkuża. F'dan, pero`, l-appellant m'għandux raġun. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

**"Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att ta' l-akkuża, iżda mis-smigħ tal- jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti ta' l-att ta' l-akkuża, il-ġuri jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-cirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skond ma jkun il-każ. Il-ġuri jista' jagħti l-verdett tiegħu billi jgħid *'ħati mingħajr iċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi ta'............'*, u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jkun irid jeskludi; inkella, *'ħati biċ-ċirkostanza jew biċ-ċirkostanzi ta' ……....'* , u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti; inkella, *'ħati, iżda biss ta'.......... ...'*, u jsemmi r-reat jew l-attentat (jew il-fatti li jagħmlu dan ir-reat jew attentat) li fuqu, kif jingħad hawn fuq, il-ġuri jista' jsib ħati lill-akkużat."**

**20.** Għalhekk semmai l-ġurati kellhom jiġu diretti fis-sens ta' l-imsemmi subartikolu (4) u mhux kif qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti trid b'hekk tara jekk il-ġurati setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li waslu għaliha in bażi tal-provi li kellhom quddiemhom, jew jekk l-appellant kellux jinstab ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni b'anqas aggravanti jew ta' reat iżgħar. Dan il-Qorti ser tagħmlu aktar tard f'din is-sentenza[3].

**21.** <u>It-tielet aggravju</u> ta' l-appellant hu illi ma kellux jinstab ħati minħabba li ż-żmien meta seħħew l-atti in kwistjoni mhuwiex kopert fl-Att ta' Akkuża. Huwa jgħid:

"Illi skond it-Tieni Kap tal-Akkuża, ir-reat kontemplat seħħ 'fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fix-xhur u żmien ta' qabel'. L-element taż-żmien huwa neċessarju *sine qua non* sabiex jiġu sodisfatti l-voti ta' Artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali, tant li jekk l-akkuża tkun titkellem fuq post żbaljat jew fuq żmien żbaljat, l-akkużat

[3] Ara para. 26-30 ta' din is-sentenza

neċessarjament għandu jiġi liberat mill-akkuża miġjuba kontrih. Issa skond dan it-Tieni Kap tal-Akkuża, l-esponent ġie akkużat li wettaq ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni fis-sajf tal-2005, u cioe` f'Awissu ta' dik is-sena jew fix-xhur ta' qabel. Imma l-provi wrew biċ-ċar li l-inċidenti li tagħhom l-esponent instab ħati taħt it-Tieni Kap t'Akkuża, u cioe` l-inċidenti li kienu jinvolvu lil *Omissis* u *Omissis*, seħħew lejn il-bidu tas-sajf 2004. Dan tikkonfermah *Omissis* meta xehdet *a tempo vergine* f'Ottubru 2005 (u anke reġistrata fuq DVD waqt il-*video-conference*) meta hija qalet li l-inċidenti seħħew 'fil-bidu tas-sajf, mhux li għadda imma ta' qabel'. L-imputat li xehed waqt il-ġuri wkoll jikkonferma li bejn l-inċidenti ta' *Omissis* u *Omissis* u meta ġie arrestat kienu għaddew xi sena u nofs. Dan ifisser li l-ġurati ma setgħu qatt isibu lill-esponent ħati 'skond it-Tieni Kap ta' Akkuża' li jindika żmien differenti b'sena. Ikun inġust li t-terminu 'żmien ta' qabel' jiġi interpretat li jfisser kwalunkwe żmien qabel, altrimenti tkun qed jiġi frivoliżżat ir-rekwiżit taż-żmien indikat fl-imsemmi subinċiż 589(c) tal-Kodiċi Kriminali."

**22.** Permezz ta' l-Att ta' Akkuża, l-appellant ġie akkużat li kkommetta r-reat in kwistjoni "fis-sajf, f'Awissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fix-xhur u ż-żmien ta' qabel". Skont il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali l-Att ta' Akkuża għandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, "bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien". Li jingħataw dawn il-partikularitajiet huwa evidentement importanti sabiex l-akkużat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif ukoll għall-finijiet ta' preskrizzjoni. F'dan il-każ l-appellant kien jaf sew dwar liema ċirkostanzi huwa ġie akkużat u difatti xehed fid-dettall dwarhom. Apparti dan, meta fl-Att ta' Akkuża jissemma "ż-żmien ta' qabel", dan għandu jiftiehem bħala ż-żmien preskrittiv tar-reat in kwistjoni.

**23.** Għalhekk anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**24.** Permezz tar-raba' aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-aggravanti (ċ) taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax peress illi ma ġie "fdat" minn

ħadd biex jieħu ħsieb, jeduka, jgħallem, jindokra jew iżomm lill-minorenni. Huwa jgħid:

"Illi dan ir-raba' aggravju mis-sentenza appellata jirreferi għall-aggravanti (ċ) taħt subartikolu 203(1) fejn l-esponent instab ħati li huwa kkommetta korruzzjoni ta' minorenni meta huwa kien 'persuna li, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom'. Dan l-aggravant jirreferi għal abbuż minn fiduċja li l-akkużat ikun ingħata, imqar jekk għal żmien temporanju, minn min huwa regolarment responsabbli għall-minorenni. Għalhekk, l-akkużat neċessarjament irid ikun abbuża mill-fatt li l-ġenituri jew it-tuturi tat-tfal ikunu 'fdawh' bil-minorenni għal xi perijodu, jew tal-inqas huwa jkun ġie 'fdat' b'dik ir-responsabbilta` minn xi awtorita`, xi entita`, minn xi skola jew kwalunkwe istituzzjoni li tieħu responsabbilta` ta' minorenni, liema responsabbilta` tiġi delegata u 'fdata' f'idejn l-akkużat. L-akkużat ikun neċessarjament abbuża mill-fiduċja li tali entita` tkun għaddietlu, u allura r-reat tiegħu jitqies aktar gravi. Fil-każ in eżami ma rriżulta bl-ebda mod li l-esponent ġie 'fdat' minn xi ħadd biex jieħu responsabbilta` tal-minuri, u għalhekk dan l-aggravant ma seta' qatt jirriżulta. Ġaladarba dan l-aggravant ma jirriżultax, kif ingħad aktar 'il fuq f'aggravju numru tnejn (2) l-esponent kellu jiġi liberat minn dan it-Tieni Kap tal-Akkuża.

**25.** L-aggravanti in kwistjoni jipprovdi għal piena akbar jekk id-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jsir **"minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat** [fit-test Ingliż: *"charged with"*] **il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu"**. Mill-provi riżultanti m'hemm l-ebda dubju illi ma kien hemm l-ebda terza persuna li fdat lill-appellant bil-minorenni għax kienu l-istess minorenni li fdaw lilhom infushom għandu biex jgħallimhom il-kitarra. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, anke jekk stess kienu l-minorenni li fdaw lilhom infushom għand l-appellant biex jgħallimhom il-kitarra, l-aggravanti in kwistjoni huwa xorta waħda applikabbli. Kif tajjeb qal l-Avukat Ġenerali fin-nota responsiva tiegħu għar-rikors ta' appell, kif inhi formulata

l-liġi "ma tillimitax ruħha biss għas-sottomissjoni tal-minuri minn persuna li jkollha l-*patria potestas* jew xi *potestas* oħra fuqhom". Din il-pożizzjoni hi sostnuta b'dak li jgħid dwar dan l-aggravju il-mibki Sir Anthony Mamo fl-opra tiegħu modestament intitolata *Notes on Criminal Law*:

"With regard to the aggravation at (c), Maino is of the view that the words "any other person charged ... with the care or control of the minor" include a master vis-a vis his servant. The word "charged" (in the Italian text "affidata") must not be constructed in a formal sense but rather in the sense implied in the natural order of the relationship existing between master and servant or employer and employee. It would be inconsistent to exclude the aggravation in the permanent relationship which derives from a *locatio operis* and admit it – as there is no doubt it must be admitted – in the case of a person who has, even casually, the temporary custody of a minor."[4] (sottolinear tal-Qorti).

Għalhekk ir-raba' aggravju huwa respint.

**26.** In vista ta' dak li ntqal f'paragrafu 20 *supra*, u n-natura tal-verdett mogħti, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk il-ġurati setgħux legalment jaslu għall-verdett kif minnhom mogħti dwar it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Għalhekk hija eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**27.** M'hemmx dubju li l-ġurati kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba. Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk waslu għall-konklużjonijiet tagħhom, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u

[4] Edizzjoni Riveduta 1954-1955 p.205

l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), u wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża.

**28.** Issa, permezz tal-verdett tagħhom il-ġurati sabu lill-appellant ħati talli "kkommetta korruzzjoni ta' tifla ta' taħt l-età, u cioè talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess l-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi vjolenza, theddid jew qerq, bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena u minn persuna li imqar jekk għal xi żmien, tkun ġiet fdata l-minuri sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom."

**29.** Jiġifieri fil-verdett tagħhom, għalkemm ma kinux sabu lill-appellant ħati li kkometta stupru fuq *Omissis*, jidher illi sabuh ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni anke fil-konfront ta' din *Omissis* peress illi hi biss kienet għadha ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena. Din il-konklużjoni forsi tista' superfiċjalment tidher kontradittorja. L-appellant innega dak kollu li qalet *Omissis*. Anke *Omissis* innegat illi ħadet lil din *Omissis* għand l-appellant. Minn eżami akkurat tax-xiehda li ngħatat waqt il-ġuri, pero`, jidher illi l-ġurati emmnu li l-appellant kellu wkoll relazzjonijiet intimi ma' *Omissis*, liema relazzjonijiet ma kinux iwasslu biex ġie kommess stupru peress illi ma kienx hemm penetrazzjoni. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni biex tiddisturba tali konklużjoni. Jiġifieri l-ġurati setgħu legalment u raġonevolment jikkonkludu hekk, cioe` li kien jirriżulta r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' *Omissis* bl-aggravanti li hija kienet taħt it-tnax-il sena u bl-aggravanti tal-vjolenza.

**30.** Kwantu għal *Omissis* u *Omissis*, fix-xiehda tiegħu l-appellant jammetti l-atti kollha li dawn iż-żewġ xebbiet qalu li għamlilhom. Id-differenza hi li, filwaqt illi huwa xehed li kienu huma li talbuh jgħallimhom il-kitarra u kienu huma li istigawh jagħmel dak li għamel għax qalulu li riedu

jitghallmu fuq is-sess, iż-żewġ minorenni jgħidu li kien hu li ħajjarhom jitgħallmu l-kitarra u li kien hu li inizja l-atti sesswali. Il-ġurati evidentement emmnu l-verżjoni tal-minorenni. Hawn ukoll, wara li din il-Qorti eżaminat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda, u fid-dawl tal-fatt – kif diga` osservat – li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda, issib li l-ġurati setgħu legalment u raġonevolment jaslu biex fil-fatt jemmnu dak li qalu *Omissis* u *Omissis*. Għalhekk kienu jirriżultawlhom kemm l-aggravanti tal-qerq kif ukoll dak tat-theddid.

**31.** <u>Il-ħames aggravju</u> ta' l-appellant jirrigwarda l-ispejjeż peritali li ġie kkundannat iħallas. Huwa jgħid illi ma kellux jiġi kkundannat iħallas dawn l-ispejjeż peress illi tali ordni ssir biss meta kawża titmexxa mill-Pulizija *ex officio*. Skont l-Avukat Ġenerali l-każ tmexxa *ex officio* in vista ta' l-akkuża ta' sekwestru tal-persuna.

**32.** L-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi testwalment:

**"Meta l-kawża ssir mill-Pulizija <u>*ex officio*</u>, il-Qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew lil ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għal ħlas lir-reġistratur, ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri…."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan l-artikolu huwa *self-explanatory*. [5]

**33.** Huwa minnu, kif jgħid l-Avukat Ġenerali, li l-appellant kellu miġjub kontra tiegħu l-akkuża ta' sekwestru tal-persuna li huwa reat kontra l-ordni pubbliku u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa tal-kwerela, iżda l-appellant ma nstabx ħati ta' din l-akkuża. Kwindi r-reati l-oħra kienu proċedibbli biss bil-kwerela tal-parti offiża u għalhekk l-appellant ma setax jiġi kkundannat għall-ħlas ta' l-ispejjeż[6]. Għalhekk il-ħames aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

---

[5] Ara, per eżempju, Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla**, 28 ta' Jannar 2008; **Il-Pulizija v. Grezzju Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2010.

[6] Ara wkoll para. 10 supra

**34.** Is-sitt aggravju huwa dwar il-*quantum* tal-piena. Huwa jgħid:

"Kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tikkonferma l-verdett appellat, din il-Qorti qed tintalab tirrevedi l-piena nflitta in kwantu l-Ewwel Qorti għamlet referenzi għal mitiganti favor l-esponent imbagħad spiċċat infliġġiet il-piena fil-massimu tagħha. In rigward tal-piena, id-difiża rrilevat li bil-mod kif l-esponent ġie akkużat ta' oġġett li għamel u ta' oġġetti li ma għamilx, huwa ma setax jirreġistra ammissjoni bikrija; id-difiża rrilevat ukoll li wieħed ma jistax ilum lill-esponent li fil-Qorti ammetta li kien involut fl-inċident ta' *Omissis* u *Omissis* imma m'għamilx hekk waqt l-interrogatorju, u dan peress li dak iż-żmien (2005) l-issuspettati ma kellhomx dritt li jieħdu parir legali, u għalhekk wieħed seta' jibża' li malli jammetti oġġett li jkun seħħ jispiċċa jeħel tal-oġġett li ma seġġx ukoll. B'reazzjoni għal dan, l-Ewwel Qorti qalet li: '*Il-Qorti tifhem din is-sitwazzjoni u ser iżżommha f'moħħha hija u timponi l-piena'*.

"Di piu` l-Ewwel Qorti nnutat ukoll li hija *'qed tara bniedem li sar konxju tal-iżball tiegħu u li llum m'hu qed ikun ta' ebda problema fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, anzi huwa bniedem eżemplari. Il-fedina penali tiegħu mhix xi waħda mgħobbija u jirriżulta li ċerta reati jew kobntravvenzjonijiet saru fil-passat remot.... Il-ħati sogħbih ta' dak li kien għamel, għaliex skont dak li qal hu stess, f'daqqa waħda rrealiżża li kellu jieqaf....'*

"Imma mbagħad jirriżulta li bħala fatt l-Ewwel Qorti spiċċat ikkundnnat lill-esponent għall-massimu li seta' jeħel taħt Artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi piena bejn tliet snin u sitt snin. Dan qed jingħad għaliex l-Ewwel Qorti m'awmentatx il-piena skont Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, u dan joħroġ ċar fid-dawl ta' dak li qalet dik l-istess Qorti (konsiderazzjoni fuq Punt numru 3 imqajjem mill-prosekuzzjoni) li *'Is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni dwar l-applikazzjo ni tal-artikolu 18 bit-trapass ta' żmien qed tkun ikkunsidrata a favur tal-akkużat. Wara kollox dan l-artikolu huwa fakoltattiv.'* Ċertament l-Ewwel Qorti nnotat

li l-inċidenti in kwistjoni seħħew f'temp ta' xi ġimagħtejn u waqfu ferm qabel ma l-każ beda jiġi investigat fl-2005. Dan ma kienx każ ta' persuna li baqgħet tabbuża minn diversi tfal fuq medda ta' snin, jew persuna li baqgħet tiċħad in-nuqqas tagħha, u allura l-akkużat kien se mai jimmerita piena aktar viċina lejn il-minimu ta' tliet snin milli proprju fil-massimu ta' 6 snin. Kienet l-istess Qorti Kriminali li qalet li ser tieħu dawn l-affarijiet in konsiderazzjoni għall-piena, imma mbagħad infliġġiet il-piena massima."

**35.** Il-prinċipju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt ingħatat[7].

**36.** Fil-każ in eżami l-Qorti Kriminal fis-sentenza tagħha, kif tajjeb josserva l-appellant, għamlet diversi konsiderazzjonijiet qabel ma ddeterminat il-*quantum* tal-piena. Il-parametri tal-piena f'dan il-każ huma ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin li bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (stante li si trattava ta' reat kontinwat) setgħu jiżdiedu bi grad għal priġunerija minn erba' snin sa disa' snin, jew b'żewġ gradi u allura l-piena titla' għal priġunerija minn ħames snin sa tnax-il sena. Kif tajjeb ukoll osserva l-appellant, l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 imsemmi hija fakoltattiva. Minn eżami tas-sentenza huwa ovvju illi l-ewwel Qorti użat il-konsiderazzjonijiet kollha li għamlet li kienu jiffavorixxu lill-appellant sabiex tuża l-fakolta` tagħha li ma tapplikax l-artikolu 18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti użat tali diskrezzjoni b'mod tajjeb. Difatti minn banda hemm il-punti pożittivi kollha li semmiet l-ewwel Qorti u mill-banda l-oħra hemm is-serjeta` tar-reati kommessi minnu fuq minorenni. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

[7] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**37.** L-aħħar aggravju hu li l-appellant m'għandux ikollu ismu imniżżel fir-reġistru tal-pedofili a tenur tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jgħid illi persuna li għal ftit jiem f'ħajjitha taqa' għall-avvanzi ta' żewġ tfajliet minorenni li, bħalma argumenta l-avukat prosekutur waqt ir-replika tiegħu, setgħu kienu deħlin f'xibka ta' prostituzzjoni, ma għandhiex tiġi hekk ittimbrata bħala 'pedofilu'.

**38.** Din il-Qorti jidhrilha illi jekk dawn it-tfajliet kienu deħlin f'xibka ta' prostituzzjoni, l-aġir ta' l-appellant seta' kien aktar konduċenti għal hekk. Konsegwentement ma tara l-ebda raġuni biex tvarja l-ordni ta' l-ewwel Qorti a tenur tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**39.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant iħallas is-somma ta' tmien mija u wieħed u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€881.17) rappreżentanti l-ispejjeż totali tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi, u tikkonfermaha fil-bqija. A tenur ta' l-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur, il-Qrati Ċivili u Tribunali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------